il-paċi magħkom

DIĊEMBRU 2008 GĦADD NRU. 36

# IL-VITTMI TAD-DIVORZJU

Studji li saru minn professuri, istituti ta' riċerka, psikjatri, u aġenziji speċjalizzati juru li l-vittmi l-kbar tad-divorzju huma t-tfal. Dawn l-istudji wrew li:

- it-tfal imrobbijin f'dar b'ġenitur wieħed jgħaddu ħajja agħar minn ulied ta' żewġ ġenituri li jkunu magħqudin taħt saqaf wieħed;
- miż-żgħażagħ li jkunu ġejjin minn dar b'żewġ ġenituri, 8% biss jittellgħu l-qorti, waqt li dawk ma' l-omm biss, għax separati, jittellgħu l-qorti 16%;
- fejn m'hemmx kura tajba miż-żewġ ġenituri, il-konsegwenzi jistgħu jkunu suwiċidji, depressjoni, problemi fl-ikel, vandaliżmu, droga u alkoħol;
- meta jmutilhom missierhom ma jġarrbux ħsara daqskemm meta missierhom jiddivorzja;
- meta l-ġenituri jiddivorzjaw, it-tfal jeħduha li dawn abbandunawhom u jitilgħu ribelli għal kull awtorità;
- meta tfal ġew mistoqsija x'inhi l-aktar ħaġa li jridu fil-ħajja, huma wieġbu li l-ġenituri tagħhom "jibqgħu flimkien";
- tfal taħt is-16-il sena li l-ġenituri ddivorzjaw, iħallu l-iskola mingħajr kwalifiki, għandhom ċans żgħir li jidħlu l-università, għandhom ċans żgħir li jkollhom xogħol permanenti, huma f'riskju li jiżżewġu jew imorru jgħixu ma' xi ħadd qabel ma jagħlqu l-20 sena; huma f'riskju li jġibu tarbija fid-dinja qabel ma jagħlqu l-20 sena;
- "Meta t-tfal ikunu rabbew l-għeruq ġo familja, imbagħad tqaċċathom mill-għeruq ta' dik il-familja, dan jheżżheż l-istabilità tal-individwu u allura jkisser l-ekwilibriju ta' dik il-persuna" – Professur Laurence Kurdek, riċerkatur.



- Tfal ta' ġenituri divorzjati li reġgħu żżewġu jkollhom trawma meta jgħaddu minn ġenitur għal ieħor għax isiru ballun bejn il-kbar, u meta jikbru jkunu suġġetti aktar minn oħrajn għad-dipressjoni u ansjetà;
- tfal ta' divorzjati jiġu skandalizzati minn dak li jaraw iħawdu l-ġenituri tagħhom;
- l-idea li t-tieni żwieġ jista' jirnexxi aktar mill-ewwel wieħed hi illużjoni u ħrafa;
- it-tkissir taż-żwieġ jissarraf f'imġiba ħażina fil-klassi tal-iskola u tfal tad-divorzjati jaqtgħu kmieni mill-iskola;
- tfal li jitrabbew bla missier huma aktar faċli li jkollhom xi jgħidu mal-ġustizzja;
- id-divorzju jikkawża effetti mill-aktar negattivi fuq it-tfulija, l-adoloxxenza u anke fl-irġulija;
- tfal ta' divorzjati juru erba' elementi: gideb sfrenat, livell baxx ta' suċċess, nuqqas ta' responsabbiltà għal għemilhom u diffiċli jikkonċentraw;
- 60% tat-tfal ta' divorzjati meta jikbru jiddivorzjaw huma wkoll;
- tfal ta' erba'/ħames snin ta' ġenituri divorzjati jbatu minn biża' kbir u jibqgħu biha tul ħajjithom kollha;
- l-istat qed ikollu joħroġ dejjem aktar flus biex jgħin tfal ta' ġenituri divorzjati.

TRID LI WLIEDEK JGĦADDU MINN DAN? MA NAFUX XI TRID AKTAR BIEX TIFTAĦ GĦAJNEJK DWAR IL-KRUHA U R-ROVINA TAD-DIVORZJU!

---

**Nawguraw Milied qaddis u Sena ġdida mimlija mħabba u tama.**